Kulleġġ MR SĠP SI SK ST SM SN

# L-EŻAMI TA' NOFS IS-SENA
# IL-MALTI
## 2015-2016

| | | |
|---|---|---|
| **Is-Sena:** It-Tielet Sena | **Rotta 1** | **ĦIN:** Sagħtejn |
| **Isem:** | | **Klassi:** |

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| **Taqsima** | **1A** | **1B** | **1Ċ** | **1D** | **1E** | **2A** | **2B** | **2Ċ** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marka** | **10** | **5** | **10** | **5** | **20** | **10** | **10** | **10** | **80** |
| **Marka tal-istudent** | | | | | | | | | |

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | **It-Taħdit** | **10** | |
| | **Is-Smigħ** | **10** | |
| | **Il-Qari u l-Kitba** | **80** | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |

**Kummenti:**

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

## IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

# In-Nisa taċ-Ċipko



Il-kelma *ċipko* tfisser "teħel" bil-lingwa Indjana. (par. 1)

Żmien ilu, fl-Indja bdew jinqatgħu ammonti kbar ta' siġar. Minħabba f'hekk, il-foresti naqsu. Il-ħamrija tal-inħawi fejn inqatgħu s-siġar tkaxkret max-xita. Ma kienx baqa' ħamrija fejn jikber il-ħaxix u mietu l-annimali għax ma kienx hemm fejn jirgħu. (par. 2)

Irħula sħaħ tbattlu. In-nies bdew iħallu l-għoljiet li sfaw bla rziezet u mxew lejn il-pjanuri, sabiex ifittxu xogħol. Imma x-xogħol kien skars u dawn il-bdiewa ftaqru mil-lum għal għada. Minkejja dan, il-qtugħ tas-siġar kompla. Partijiet kbar mill-foresti tal-Indja bdew jitqassmu b'irkant lill-kuntratturi. (par. 3)

Fl-irħula bdew jiffurmaw l-ewwel għaqdiet li pprotestaw kontra l-qtugħ tas-siġar. Peress li nqatgħu s-siġar, ix-xmajjar spiċċaw bla lqugħ. Fl-1970 faret xmara u qerdet diversi villaġġi. Minn dak iż-żmien, dawn l-inħawi ma waqfux jesperjenzaw valangi tat-tajn u xmajjar ifuru. (par. 4)

Sentejn wara, xi kuntratturi waslu fit-Tramuntana tal-Indja għax kienu ħadu kuntratt ta' 300 siġra. In-nies tal-inħawi riedu jwaqqfu l-qtugħ ta' aktar siġar, imma bla vjolenza. B'hekk ir-raħħala, speċjalment in-nisa, daru ma' kull siġra qishom qed ***jgħannquha***. Weħlu magħha. Damu hemm sakemm il-kuntratturi qatgħu qalbhom. (par. 5)

Minn hawn twaqqaf il-Moviment Ċipko, li fil-biċċa l-kbira kien magħmul minn nisa li, bi protesta favur l-ambjent, żammew diversi kuntratturi milli jaqtgħu s-siġar, billi jgħannqu s-siġar, idawru jdejhom u jeħlu magħhom. (par. 6)

| L-EWWEL TAQSIMA: IL-LINGWA | (50 marka) |
|---|---|

## 1A. Il-Fehim it-Test

___ / 10

*Il-kelma* ċipko *tfisser "teħel" bil-lingwa Indjana. (par. 1)*

*Żmien ilu, fl-Indja bdew jinqatgħu ammonti kbar ta' siġar. Minħabba f'hekk, il-foresti naqsu. Il-ħamrija tal-inħawi fejn inqatgħu s-siġar tkaxkret max-xita. Ma kienx baqa' ħamrija fejn jikber il-ħaxix u mietu l-annimali għax ma kienx hemm fejn jirgħu. (par. 2)*

1. F'liema pajjiż seħħet din il-ġrajja? (marka)

_______________________________________________

*Irħula sħaħ tbattlu. In-nies bdew iħallu l-għoljiet li sfaw bla rziezet u mxew lejn il-pjanuri, sabiex ifittxu xogħol. Imma x-xogħol kien skars u dawn il-bdiewa ftaqru mil-lum għal għada. Minkejja dan, il-qtugħ tas-siġar kompla. Partijiet kbar mill-foresti tal-Indja bdew jitqassmu b'irkant lill-kuntratturi. (par. 3)*

2. Minħabba l-qtugħ ta' ħafna siġar l-irħula ________________________________ (marka)

3. Il-Gvern tal-Indja waqqaf il-qtugħ tas-siġar? ☐ Iva ☐ Le (marka)

*Fl-irħula bdew jiffurmaw l-ewwel għaqdiet li pprotestaw kontra l-qtugħ tas-siġar. Peress li nqatgħu s-siġar, ix-xmajjar spiċċaw bla lqugħ. Fl-1970 faret xmara u qerdet diversi villaġġi. Minn dak iż-żmien, dawn l-inħawi ma waqfux jesperjenzaw valangi tat-tajn u xmajjar ifuru. (par. 4)*

4. X'għaqdiet bdew jiffurmaw fl-irħula? ________________________________ (marka)

5. Għalfejn faret ix-xmara? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

*Sentejn wara, xi kuntratturi waslu fit-Tramuntana tal-Indja għax kienu ħadu kuntratt ta' 300 siġra. In-nies tal-inħawi riedu jwaqqfu l-qtugħ ta' aktar siġar, imma bla vjolenza. B'hekk ir-raħħala, speċjalment in-nisa, daru ma' kull siġra qishom qed jgħannquha. Weħlu magħha. Damu hemm sakemm il-kuntratturi qatgħu qalbhom. (par. 5)*

6. Xi ftehim kellhom il-kuntratturi? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. Ir-raħħala użaw il-vjolenza? ☐ Iva ☐ Le (marka)

*Minn hawn twaqqaf il-Moviment Ċipko, li fil-biċċa l-kbira kien magħmul minn nisa li, bi protesta favur l-ambjent, żammew diversi kuntratturi milli jaqtgħu s-siġar, billi jgħannqu s-siġar, idawru jdejhom u jeħlu magħhom. (par. 6)*

8. X'kien il-moviment Ċipko? (marka)

______________________________________________________________________

## 1B. Għarfien il-Lingwa

5

1. Minn paragrafu 3 sib kelma li tfisser "saru foqra" ______________________ (marka)
2. Sib frażi li tfisser "malajr" (par. 3) ________________________________ (marka)
3. Sib il-plural ta' "naħa" (par. 4) _____________________________________ (marka)
4. Minn paragrafu 4, agħti kelma oħra minflok "irħula" ___________________ (marka)
5. Għal min qed jirreferi l-pronom mehmuż "ha" f'**jgħannqu<u>ha</u>** (par. 5) _____________ (marka)

## 1Ċ. Il-Grammatika

10

**Il-Ħajja Moderna**

Ħafna jemmnu li l-ħajja saret moderna wisq. Iżda bil-kelma *moderna*, x'jinftiehem? Hemm min jistqarr li ħafna nies qegħdin jitilfu l-fidi fir-reliġjon, b'mod speċjali ż-żgħażagħ. Oħrajn jisħqu li t-teknoloġija qiegħda tbiddel il-mod kif il-bniedem iħares lejn il-ħajja, filwaqt li oħrajn jemmnu li l-flus saru l-iktar ħaġa importanti għall-bniedem. B'hekk, bosta huma ċerti li l-bniedem tal-lum hu wisq mitluf f'dawn l-ħmerijiet. Ħmerijiet li fl-aħħar mill-aħħar mhux se jwassluh biex ikollu ħajja aħjar jew isbaħ milli għandu.

**Aqta' linja taħt il-Forma tal-verb. Imxi fuq l-eżempju:**

| KELMA | AGĦŻEL | |
|---|---|---|
| eż. *ħabbat minn ħabat* | Il-5 Forma | **<u>It-2 Forma</u>** |
| **1.** jitilfu *minn tilef* | L-1 Forma | It-3 Forma |
| **2.** iwasslu *minn wasal* | L-1 Forma | It-2 Forma |
| **3.** tbiddel *minn bidel* | It-2 Forma | Il-5 Forma |
| **4.** jinftiehem *minn fehem* | Is-7 Forma | L-10 Forma |
| **5.** jisħqu *minn saħaq* | L-1 Forma | L-10 Forma |
| **6.** jistqarr *minn qarr* | L-10 Forma | Id-9 Forma |

**Agħżel it-tajba:**

| KELMA | AGĦŻEL | |
|---|---|---|
| eż. *ġibed fit-2 Forma* | ***<u>ġebbed</u>*** | *ġġebbed* |
| **7.** qiegħed *fis-6 Forma* | tqiegħed | qegħdin |
| **8.** isbaħ *fid-9 Forma* | sbejjaħ | sbieħ |
| **9.** fehem *fit-8 Forma* | ftehem | ftiehem |
| **10.** miet *fit-2 Forma* | mewwet | mejtin |

**1D. Il-Kitba Funzjonali**

___
**5**

<u>Agħżel waħda minn kitba ta' **Riklam JEW Avviż** u ikteb 40-50 kelma</u>

a) L-iskola se tkun miftuħa għall-pubbliku. L-istudenti se jorganizzaw il-ġurnata kif jixtiequ huma. Ikteb **AVVIŻ** biex tħajjar in-nies jiġu jipparteċipaw ħalli l-flus li jinġabru jingħataw lid-Dar tal-Providenza.

- **TITLU** li jispikka
- Agħżel il-ġurnata
- X'se jagħmlu l-istudenti:
    i. Logħob, ikel, wirja tal-annimali
    ii. Bejgħ ta' frott tal-istagun u prodotti li għamlu l-istudenti

# JEW

b) L-iskola se torganizza ħarġa għal Għawdex. Ikteb **AVVIŻ** biex tħeġġeġ lill-istudenti jiġu. Agħżel il-ġurnata, il-prezz u l-postijiet li ser iżuru.

- Ikteb **TITLU** li jispikka.
- Agħżel il-ġurnata.
- Il-prezzijiet għax-xarabank u l-ikel.
- Il-postijiet li ser taraw.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

___ / 20

## 1E. Il-Komponiment Ġenerali

Agħżel **wieħed** mit-titli li jogħġbok l-aktar u ikteb madwar **150-180 kelma** fuqu. Tista' tuża l-għajnuniet ta' taħt kull titlu biex tfassal il-komponiment tiegħek.

| | |
|---|---|
| 1. | **Il-festa tar-raħal tagħna.**<br>(*Fejn tgħix? X'festa tiċċelebraw? Kif jiċċelebra r-raħal? Kif tiċċelebra l-familja tiegħek?* |
| 2. | **X'taħseb dwar l-iskejjel sekondarji għall-bniet u subien flimkien?**<br>(*Xi smajt s'issa? X'tifkiriet għandek mill-esperjenza li kellek il-Primarja? X'tissuġġerixxi?*) |
| 3. | **Meta ħarabli l-kelb.**<br>(*Fejn kont meta ħarab? Kemm kien ilu għandek il-kelb? X'razza kien? Kif spiċċat l-istorja?*) |

| IT-TIENI TAQSIMA : IL-LETTERATURA | (30 marka) |
|---|---|

## 2A. Referenza għall-Kuntest (Poeżija – *Nadriet 3*)

___
**10**

**Aqra l-poeżija ... u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

Kont fuq xifer ta' blata; f'riġlejja
Waħda f'waħda l-mewġ tasal u tmur.
Kien il-baħar jitbewwes max-xtajta
Hieni u ħiemed maġenbha mixħut?

Ġera ħsiebi lejn hena tfuliti,
Iż-żmien ħelu tal-ħajja bla ħsieb,
Meta kollox hu safi mill-ħtija,
Meta kollox ma' qalbna jinġieb.

1. Din il-poeżija kitbha Dun K___________ P ___________. (2 marki)

2. Il-poeta jinsab fuq ____________________________________________ (2 marki)

3. Il-poeta jiftakar fi t_____________, żmien ħelu li fih ma kellux ħafna ________________.
(2 marki)

4. "il-baħar **jitbewwes**" hija eżempju ta' (personifikazzjoni, metafora, similitudni) (marka)

5. L-istrofi ta' din il-poeżija huma k______________. (marka)

6. Din il-poeżija għandha rima (mbewsa, mqabbża, magħluqa) (marka)

7. L-aħħar żewġ versi jibdew bil-kelma 'Meta'. Din il-figura letterarja tissejjaħ (anafora, terzina)
(marka)

## 2B. Il-Poeżiji minn *Nadriet 3*

___ 10

1. (a) Min kiteb il-poeżija 'Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti"? (Ġorġ Borg, Achille Mizzi, Dun Karm) (marka)

   (b) Fejn kien ibigħ il-gazzetti? (Fuq il-monti, Fuq Kastilja, Fil-palazz tal-President) (marka)

   (ċ) Liema persuna tfisser kollox għalih? (nanntu, martu, ommu) (marka)

   (d) X'tip ta' karattru kellu l-bejjiegħ? ____________________________________________

   ________________________________________________________________(2 marki)

   (e) X'taf tgħid dwar omm il-bejjiegħ? ____________________________________________

   ________________________________________________________________(2marki)

2. Imla l-vojt:

   Fil-poeżija "Matul is-Snin tal-Ħajja" , Ġużè ______________ jgħid ______________________

   ________________________________________________________________ (3 marki)

## 2Ċ. In-Novelli minn *Stejjer Għal Qabel Jidlam* ta' Oliver Friggieri

___ 10

**A. Eżerċizzju dwar *Sitt Xhur Mhuma Xejn.***

**Imla l-vojt bil-kliem li hemm isfel (hemm tnejn żejda):**

Waħda mill-akbar firdiet li jħossu l-ġenituri hi meta d-dar tiżvojta għax uliedhom __________. Dan jinħass speċjalment jekk il-familja tkun kbira. Xhur qabel iżżewweġ, wieħed żagħżugħ iddejjaq ħafna jisma' 'l ommu tissuġġerilu jmexxi t-tieġ tiegħu b'sitt xhur 'il quddiem. Qaltlu li sitt xhur ma huma xejn, imma li għaliha kienu jfissru dinja. Semmietlu kif la jitlaq mid-dar, aktarx li kien se __________ d-dar li trabba fiha. Il-kamra tiegħu kienet se tibqa' vojta għax la hi u lanqas __________ ma kellhom użu għaliha. Li ma qaltlux kien li hi kienet __________ serjament u li xtaqet tgawdih sal-aħħar, anke minħabba l-fatt li hu kien iż-żgħir u l-aħħar wieħed li kien fadal jitlaq mid-dar. Dan il-kliem ma kien jogħoġbu xejn liż-żagħżugħ. Hu kien iserrħilha rasha li ladarba jiżżewweġ xorta kien jibqa' jiġi __________. Fakkarha li l-preparamenti għaż-żwieġ kienu ħaġa serja ħafna, speċjalment għall-għarusa. Meta darba rrabja magħha, dawn l-argumenti ma baqgħetx iġġibhom għalkemm __________. Hu baqa'

għaddej bil-pjanijiet tiegħu u ż-żwieġ sar meta kien miftiehem. Dakinhar, iż-żagħżugħ ħass li kellu bżonn __________. Innota li ommu bdiet tipprova tidher f'kull __________ tal-okkażjoni li kien qiegħed jittieħed. Bix-xorb li kellu f'rasu sab kuraġġ jgħidilha ma tibqax iġġib ruħha hekk u hi __________. Għaxar xhur wara, l-omm __________. It-tabib infurmah li kienet taf li ma kellhiex tgħix fit-tul. Iż-żagħżugħ fehem x'kienet l-intenzjoni ta' ommu li jmexxi d-data tat-tieġ tiegħu, imma issa kien tard wisq. Għaliha kull minuta mal-għażiż binha kienet prezzjuża. Kulma riedet kien li tgawdi 'l binha qabel titilfu meta tiġi tiġborha l-mewt.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ritratt | marida | daħket | mietet | jabbanduna | stampa |
| bkiet | jiżżewġu | obdietu | missieru | jixrob | jżurha |

## **Agħżel:** *Sold għall-Ħamiem, Sinjur* **JEW** *It-Tifel tal-Baħar*

**B.** ***Sold Għall-Ħamiem, Sinjur!*** **(5 marki)**

**Agħżel bejn Veru u Falz**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1 | L-akbar ħabiba ta' Vestru kienet ħamiema jisimha Fefa. | | |
| 2 | Vestru kien jiġbor il-flus għall-ħamiem tal-Belt. | | |
| 3 | Miegħu kien iżomm kelb jismu Fefu. | | |
| 4 | Meta xjaħ, Vestru kellu jmur f'dar tax-xjuħ. | | |
| 5 | Fefu kien milqugħ tajjeb fid-dar tax-xjuħ flimkien ma' sidu. | | |
| 6 | Waħda soru ħalliet lill-kelb u l-ħamiema jidħlu fid-dar tax-xjuħ xħin iridu. | | |
| 7 | Għal ċertu żmien, Fefu u Vestru ma bdewx jiltaqgħu. | | |
| 8 | Dan ġara għax Fefu marad u ma setax joħroġ. | | |
| 9 | Vestru qatta' perjodu marid u wara xi żmien miet. | | |
| 10 | Is-soru ħalliet lil Fefu jfittex lil Vestru għalxejn u bkiet. | | |

# JEW

**Ċ.** ***It-Tifel tal-Baħar*** **(5 marki)**

**Uża l-ħjiel li għandek fil-ġenb biex timla l-vojt. Taħt għandek grada bit-tweġibiet, imma hemm ħamsa żejda.**

| | **Sentenza** | **Ħjiel** |
|---|---|---|
| 1 | (a)____________ jaf kemm hi iebsa l-ħajja ta' min iġib l-għajxien tiegħu mill-(b) ___________ . | (a) isem it-tifel tal-baħar; (b) l-ambjent li jaħdem fih. |
| 2 | Ix-(a) __________ hi l-agħar żmien għax il-baħar ikun perikoluż u l-bard ikun eqlel | (a) l-istaġun ta-kesħa. |
| 3 | Hu jgħix f'dar(a) __________ flimkien ma' (b) _________ u oħtu. | (a) mhix sinjura; (b) dik li wellditu. |
| 4 | Jaqla' xi ħaġa tal-flus bix-xogħol mal-barklori, speċjalment ma' (a) ____________ . | (a) isem wieħed barklor. |
| 5 | Darba dam ħafna biex qala' xi ħaġa tal-(a) __________ . | (a) il-ħlas tax-xogħol. |
| 6 | Ommu ħarġet (a) _________ f'nofs ta' lejl u f'xita qalila. | (a) tara ssibux. |
| 7 | Oħtu baqgħet id-(a)_________ weħidha, tibki. | (a) fejn joqogħdu. |
| 8 | Meta ltaqgħu bkew bil-(a)__________ . | (a) l-oppost ta' dwejjaq. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| fqira | Salvu | tfittxu | baħar | ħarifa |
| tisirqu | Bertu | dar | palazz | Ġannikol |
| ommu | ferħ | xitwa | flus | nanntu |

**TMIEM IL-KARTA**